MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 86/2006

Kawza fil-lista: 38

**A sive B C**
**vs**
**D C xebba E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur A sive B C u l-intimata D C xebba E zzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. CD 1;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll inkiseb bi vjolenza fizika jew morali, jew biza’;

4. Illi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(1)(d) u l-artikolu 19(1)(a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenut;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(1)(a) u/jew artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Ottubru 1988 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-

partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li il-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Ottubru 1988 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvneuta kellha 19- il-sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin tmien xhur. F’ Lulju 1988 il-konvenuta harget tqila u ghalhekk il-partijiet izzewwgu malajr fi zmien tlett xhur, minghajr preparazzjoni ta’ xejn ghaz-zwieg. Sussegwentement bdew jinqalghu hafna problemi bejniethom, bir-rizultat li l-partijiet isseparaw.

Illi fattur rilevanti f’ dan il-kaz, huwa dak li minn qabel iz-zwieg l-attur, li jaghmel xoghol ta’ marine engineer, kien iqatta’ hafna zmien fuq il-bahar, u ghalhekk, anke fix-xhur tal-gherusija l-kuntatt mal-konvenuta kien ristrett hafna. Din is-sitwazzjoni kompliet anke wara z-zwieg meta l-attur kien jahdem xahar fuq il-bahar u jaghmel Malta biss gimgha. Din il-hajja kienet kawza ta’ stress qawwi bejn il-partijiet li ghalhekk qatt ma setghu jistabilixxu relazzjoni bejniethom.  Konsegwenza ta’ dan, il-partijiet mill-bidu nett kienu ddecidew li ma jgibux tfal izjed fid-dinja.

Illi fattur iehor li ghandu certu relevanza, huwa l-pressjoni qawwija li l-partijiet kellhom sabiex jizzewwgu meta l-genituri taghhom saru jafu li l-konvenuta kienet harget tqila;  u ghalkemm ma jirrizultax li kien hemm l-fattur tal-biza fit-termini tal-paragrafu [a] ta’ l-artikolu precitat, dan il-fatt ikompli jghati grad ta’ konfort lit-tesi attrici, jew ahjar tal-partijiet, li huma kienu zzewwgu biss biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom unikament minhabba t-tifel.

Illi l-Qorti tirriavvisa f’ dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti taz-zewg partijiet, stante li f’ dan il-kaz jirrizulta car li d-decizjoni tal-partijiet li jizzewwgu kienet priva minn dik ix-xelta libera rizultat mill-gharrfien

da parti taghhom tal-import tal-hajja matrimonjali, li persuni ghandhom ikollhom meta jaghtu l-kunsens matrimonjali taghhom. Il-Qorti tosserva li l-fatt wahdu li l-partijiet izzewwgu unikament sabiex isewwi zball, jew ahjar imprudenza, jaghti konfort lil din id-decizjoni

Illi f' dan il-kaz il-fattur tat-tul tal-konvivenza matrimonjali m' ghandux dak il-piz li normalment igorr mieghu f' kawza bhal dawk in disamina, u dana stante li, kif xehedu z-zewg partijiet, kemm matul l-gherusija qasira hafna, kif ukoll matul il-hajja konjugali, l-attur kien, minhabba x-xoghol tieghu, jaghmel hafna zmien il boghod mill-gharusa tieghu, eventwalment martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru 1988. L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------